# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 87**

**Citaz. Nru. 2021/96GV**

**Doc. Nru. 54-01**

**Paolo Bonnici ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Bonnici Limited**

**vs**

**Raymond Mallia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Blye Engineering Company Limited**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici nkarigat lis-socjeta' konvenuta biex tissupplixxi u tinstalla xoghol ta' refrigiration u xoghol konness bil-prezz ta' Lm33,500 u bil-kondizzjonijiet ndikati fl-ittra tal-25 ta' Frar, 1994, kopja annessa u mmarkata Dok. A;

Premess illi, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza s-socjeta' konvenuta naqset li tikkompleta x-xoghol, li in parti ma sarx skond is-sengha u l-arti tant li kkawza danni lis-socjeta' attrici;

Premess illi s-socjeta' konvenuta talbet u ottjeniet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fil-11 ta' Gunju, 1996, numru 3079/96 fl-ammont

bilancjali ta' Lm3,450 (tlett elef erba' mija u hamsin lira Maltin ) Dok. B anness;

Premess illi dan l-ammont mhux dovut billi l-appalt la gie kompletat u lanqas sar skond is-sengha u l-arti;

Premess li b'vessazzjoni, gie notifikat bhala sekwestratarju l-Kontrollur tad-Dwana, apparti l-banek, li kienu aktar milli sufficjenti biex jikkawtelaw l-pretenzjonijiet tas-socjeta' konvenuta; bil-konsegwenza li s-socjeta' attrici li timporta kwantita' kbira ta' merkanzija, li in parti, tista' tithassar jekk ma tittiehidx mid-Dwana, b'danni enormi ghas-socjeta' attrici;

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara xolt l-appalt bejn il-partijiet u dan minhabba l-inadempjenza tas-socjeta' konvenuta;

2. Tiddikjara null u bla effett fil-ligi l-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju tal-11 ta' Gunju, 1996 fl-ismijiet inversi mandat numru 3079/96 billi l-ammont bilancjali ta' Lm3,450 pretiz mis-socjeta' konvenuta mhux dovut billi x-xoghol ma tlestiex u in parti ma sarx skond is-sengha u l-arti;

3. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici, kemm dawk b'konsegwenza ta' notifika tal-Kontrollur tad-Dwana bis-Sekwestru fuq imsemmi likwidat okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tas-Sekwestru u l-atti l-ohra relattivi ppresentati kontestwalment, bl-imghaxijiet legali fuq l-ammont illegalment sekwestrat.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

2. Illi, nfatti, l-appalt moghti lis-socjeta' konvenuta gie esegwit fl-intier tieghu skond il-ftehim bejn il-kontendenti u skond l-arti u s-sengha;

3. Illi, inoltre, il-mandat ta' sekwestru numru 3079/96 inhareg in buona fede u skond il-ligi biex jikkawtela kreditu ta' Lm3,450 mertu ta' kawza fl-ismijiet "Blye Engineering Co. Ltd. -vs- Paolo Bonnici Ltd." (Cit. Nru. 1996/96 NA), appuntata ghas-smiegh ghall-11 ta' Marzu, 1997;

4. Illi, fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' attrici ma sofriet ebda danni bil-hrug tal-mandat fuq riferit stante li dan gie newtralizzat l-ghada li nhareg bil-hrug ta' kontro-mandat fuq talba tal-istess socjeta' attrici;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra jekk u meta jkun il-kaz.

Rat in-nomina tal-espert Charles Cuschieri a fol. 17;

Rat ir-relazzjoni tal-imsemmi espert a fol. 38;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-atturi qed jitlobu li din il-Qorti: tiddikjara xolt l-appalt bejn il-partijiet u dan minhabba l-inadempjenza tas-socjeta' konvenuta; tiddikjara null u bla effett il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 3079/96 billi l-ammont bilancjali ta' Lm3,450 pretiz mis-socjeta' konvenuta mhux dovut billi ix-xoghol ma tlesthiex u in parti ma sarx skond is-sengha u l-arti; tiddikjara lis-socjeta' konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici kemm dawk b'konsegwenza tal-inadempjenza taghha kif ukoll dawk b'konsegwenza ta' notifika tal-Kontrollur tad-Dwana bis-sekwestru fuq imsemmi; likwidati okkorrendo bl'opra ta' periti nominandi; tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas d-danni hekk likwidati.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew: l-appalt gie esegwit fl-intier tieghu skond il-ftehim bejn il-kontendenti u skond l-arti u s-sengha; il-mandat ta' sekwestru inhareg *in buona fede* u skond il-ligi biex jikkawtela kreditu ta' Lm3,450 mertu tal-kawza citaz. Nru. 1996/96/GV; fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' attrici ma sofriet ebda danni bil-hrug tal-mandat stante li dan gie newtralizzat l-ghada li nhareg bil-hrug ta' kontro-mandat fuq talba ta' l-istess socjeta' attrici.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi b'decizjoni moghtija llum fil-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet 1996/96 din il-Qorti ddecidiet li l-ammont mitlub mill-konvenuti f'dik il-kawza fejn huma atturi kien gustifikat hlief ghal Lm250. Illi ghalhekk l-ewwel talba ta' l-atturi ma tistax tigi milqugha. Lanqas ma jistghu jigu milqugha t-talbiet l-ohra billi bhala konsegwenza ta' din id-decizjoni l-konvenuti jigu li kienu gustifikati li johrog il-mandat kawtelatorju biex jikkawtelaw il-pretenzjoni taghhom. Apparti li

t-tieni talba ma setghetx issir ghax il-mandat kien diga revokat meta saret il-kawza.

Ghal kull buon fini jigi rilevat li anke kieku, prova dwar danni ma saritx u ma jirrizultax li kien hemm. Fil-fatt dwar dawn id-danni l-perit nominat minn din il-Qorti qal li ma jirrizultax mix-xhieda li kien hemm xi danni li sofrew l-atturi fil-perjodu bejn id-data meta s-socjeta' konvenuta giet moghtija l-appalt u z-zmien li din il-kumpanija damet tiehu hsieb il-manutenzjoni tas-sistemi ta' *refrigeration* kollha nstallati ghand is-socjeta' attrici cioe' bejn April, 1994 sa Frar, 1996. Il-lista ta' danni presentata minn Kevin Magri ghan-nom ta' l-atturi hija kollha fil-perjodu ta' wara Frar 1996. Skond il-perit ix-xoghol relatat ma' dawn l-allegati danni m'ghandu ebda konnessjoni ma' l-appalt moghti lis-socjeta' konvenuta u hafna mix-xhieda migjuba, giet kompilata minn persuni ohra li ma spjegawhomx u ma kkonfermawhomx bil-gurament. (para. 28 tar-relazzjoni).

L-ammont ta' danni allegatament sofferti mill-atturi minhabba dewmien fil-hrug ta' *containers* mid-Dwana minhabba s-sekwestru mahrug mill-konvenuti ma giex indikat lill Perit u ma jirrizultax mix-xhieda. L-unika xhieda relatata ma' din it-talba hija lista ta' *containers* Dok PB 7 bid-data meta waslu u d-data ta' meta gew *released*. Il-perit ma ra ebda korrelazzjoni bejn id-data tas-sekwestru u meta gie newtralizzat u d-data tar-*release* tal-*containers*. Kevin Magri fix-xhieda tieghu (ara fol. 97) ikkonferma bil-gurament li din il-lista ma ghamiliex huwa izda impjegat iehor taghhom u lanqas seta jikkonferma jekk fil-fatt id-*delays* allegati rrizultawx fi spejjez ghas-socjeta' attrici u dawn kemm kienu. Ma jirrizultax ukoll mix-xhieda kemm kienet id-*delay* li saret kagun tas-sekwestru.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra taghhom.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**